II.1.2. inkisbu fit-territorju ta':..... [2] minn annimali:

[3] *jew* [(a) li baqgħu f'dan it-territorju mit-twelid jew għal mill-anqas tliet xhur qabel il-qatla;]

[3] *jew* [(b) inqatlu fis-selvaġġ f'dan it-territorju [4];]

II.1.3. inkisbu minn annimali:

[3] *jew* [(a) ġejjin minn stabbilimenti:

(i) fejn, għall-mard li ġej li għalih l-annimali huma suxxettibbli, la kien hemm każ/tfaqqigħ ta' *rinderpest*, tal-marda vesikulari tal-ħnieżer, tal-marda Newcastle jew ta' influwenza tat-tjur patoġenika ħafna matul it-30 jum ta' qabel, la tad-deni klassiku jew Afrikan tal-ħnieżer matul l-40 jum ta' qabel; u lanqas fl-istabbilimenti li jinsabu f'viċinanza sa 10 km minnhom, matul it-30 jum ta' qabel, u

(ii) fejn la kien hemm każ/tfaqqigħ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul is-60 jum ta' qabel, u lanqas fl-stabbilimenti li jinsabu f'viċinanza sa 25 km minnhom, matul it-30 jum ta' qabel, u

(b) li:

(i) ma nqatlux biex tiġi eradikata xi marda epiżootika,

(ii) baqgħu fl-stabbilimenti ta' l-oriġini tagħhom għal mill-anqas erbgħin jum qabel it-tluq u li kienu ttrasportati direttament lejn il-biċċerija bla ma ġew f'kuntatt ma' annimali oħra li ma kinux konformi ma' l-istess kondizzjonijiet ta' saħħa,

(iii) fil-biċċerija, għaddew mill-ispezzjoni ta' qabel il-qatla matul l-24 siegħa qabel il-qatla u ma wrewx sinjali tal-mard imsemmi hawn fuq li għalih l-annimali huma suxxettibbli, u

(iv) qabel u waqt il-qatla jew il-qtil fil-biċċerija kienu ttrattati skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 93/119/KE dwar il-benesseri ta' l-annimali;]

[3] *jew* [(a) inqabdu u nqatlu fis-selvaġġ f'żona:

(i) li f'distanza ta' 25 km la kien hemm każ/tfaqqigħ ta' xi waħda mill-mard li ġej li għalihom l-annimali huma suxxettibbli: il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, ir-*rinderpest*, il-marda Newcastle jew l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna matul it-30 jum ta' qabel, u lanqas ta' deni tal-ħnieżer klassiku jew Afrikan matul l-40 jum ta' qabel u

(ii) li tinsab f'distanza li teċċedi l-20 km mill-konfini li jisseparaw it-territorju ta' pajjiż ieħor jew parti minnu, li f'dawn id-dati m'huwiex awtorizzat li jesporta dan il-materjal lejn il-Komunità Ewropea, u

(b) li wara l-qtil kienu ġew ittrasportati fi żmien 12-il siegħa għat-tkessieħ jew lejn ċentru ta' ġbir u immedjatament wara lejn stabbiliment tas-selvaġġina, jew direttament lejn stabbiliment tas-selvaġġina;]

II.1.4. inkisbu fi stabbiliment li madwaru, f'raġġ ta' 10 km, ma kienx hemm każ/tfaqqigħ ta' mard imsemmi f'punt II.1.3 li għalih l-annimali huma suxxettibbli matul it-30 jum ta' qabel jew, fl-eventwalità ta' każ ta' mard, it-tħejjija tal-materja prima għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ġiet awtorizzata biss wara t-tneħħija tal-laħam kollu, u t-tindif u d-diżinfettar totali ta' l-istabbiliment taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali;

II.1.5. inkisbu u tħejjew bla ma ġew f'kuntatt ma' materjal ieħor mhux konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa hawn fuq, u li ġew immaniġġati biex tkun evitata l-kontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi;

II.1.6. ġew ippakkjati f'ippakkeġġjar ġdid li jipprevjeni kull ħruġ u f'konteniturisiġillati uffiċjalment li għandhom it-tikketta li tindika 'MATERJA PRIMA GĦALL-MANIFATTURA TA' IKEL GĦALL-ANNIMALI DOMESTIĊI BISS' u l-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment tad-destinazzjoni fl-UE;

II.1.7. jikkonsistu biss f'dawn il-prodotti sekondarji ta' l-annimali li ġejjin:

[3] *jew* [— partijiet minn annimali maqtula, li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, imma li m'humiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

[3] *u/jew* [— partijiet minn annimali maqtula, li jiġu skartati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem imma li ma jurux sinjali ta' mard traż missibbli għall-bniedem jew l-annimali u jkunu ġejjin minn karkassi li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;]

[3] *u/jew* [— prodotti sekondarji ta' l-annimali derivati mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum tal-bniedem inkluż għadam u qasab tas-saqajn bix-xaħam imneħħi;]

▼M9

(3) *u/jew*	[—	oġġetti li qabel kienu ikel li oriġinaw mill-annimali, jew oġġetti li qabel kienu ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, għajr skart tal-kċina (5) li m'għadhomx maħsuba għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' difetti fil-manifattura jew ippakkeġġjar jew difetti oħra li ma jippreżentaw l-ebda riskju għall-bniedem jew l-annimali;]
(3) *u/jew*	[—	ħut jew annimali oħra tal-baħar, għajr mammiferi tal-baħar, maqbuda fil-baħar miftuħ għall-għanijiet ta' produzzjoni ta' materjal mill-ħut (*fishmeal*);]
(3) *u/jew*	[—	prodotti sekondarji friski minn ħut jew impjanti li jimmanifatturaw prodotti tal-ħut għall-konsum mill-bniedem;]
(3) *u/jew*	[—	qxur, prodotti sekondarji tal-mafqas u prodotti sekondarji tal-bajd mifqugħ li joriġinaw minn annimali li ma jurux sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli minn dak il-prodott għall-bniedem jew l-annimali;]
(3) *u/jew*	[—	materja prima derivata minn annimali li jkunu ġew ittrattati b'ċerti sustanzi pprojbiti skond id-Direttiva 96/22/KE għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi, imsemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;]
II.1.8.		ikunu ġew iffriżati (*deep-frozen*) fl-impjant ta' l-oriġini jew ikunu ġew ippriservati skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja b'tali mod li dawn ma jitħassrux bejn il-bgħit u l-wasla fl-impjant tad-destinazzjoni;
II.1.9.		fil-każ ta' materja prima derivata minn annimali li jkunu ġew ittrattati b'ċerti sustanzi pprojbiti skond id-Direttiva 96/22/KE għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi, kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002:
	(a)	din tkun ġiet immarkata fil-pajjiż terz qabel id-dħul fit-territorju tal-Komunità b'salib bil-faħam likwifikat jew bil-faħam attivat fuq kull waħda min-naħat tal-blokka ffriżata b'mod li l-immarkar ikopri mill-anqas 70 % tat-tul dijagonali tal-blokka ffriżata u għandu jkun almenu 10 cm wiesa',
	(b)	fil-każ ta' materjal li ma jkunx iffriżat, il-materja prima tkun ġiet immarkata fil-pajjiż terz qabel id-dħul fit-territorju tal-Komunità billi tiġi sprejjata bil-faħam likwifikat jew billi jintuża trab tal-faħam b'mod li l-faħam ikun viżibbli biċ-ċar fuq il-materjal, u
	(c)	fil-każ li l-prodotti sekondarji ta' l-annimali jkunu magħmula minn materja prima li tkun ġiet ittrattata kif qed issir referenza għal dan hawn fuq jew minn materja prima oħra li ma tkunx ġiet ittrattata, il-materja prima kollha tkun ġiet immarkata kif stabbilit fil-punti (a) u (b) hawn fuq.
(3) (6) [II.2.		**Rekwiżiti speċifiċi**
(3) (7) II.2.1.		Il-prodotti sekondarji f'din il-kunsinna jkunu ġejjin minn annimali li jkunu nżammu fit-territorju msemmi taħt (II.1.2), fejn il-programmi ta' tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ikunu qed jiġu esegwiti regolarment u kkontrollati uffiċjalment f'annimali bovini domestiċi.
(3) (8) II.2.2.		Il-prodotti sekondarji f'din il-kunsinna jkunu jikkonsistu biss fi prodotti sekondarji ta' l-annimali derivati mill-ġewwieni ttrimmjat ta' ruminanti domestiċi, li jkunu tħallew joqogħdu f'temperatura ambjentali ta' aktar minn + 2°C mill-anqas għal tliet sigħat, jew fil-każ ta' muskoli *masseter* ta' annimali bovini u ta' laħam dissussat ta' annimali domestiċi, għal mill-anqas 24 siegħa.]

Noti

Parti I:

— Kaxxa bir-referenza I.6: Il-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett importat.

— Kaxxa bir-referenza I.12: Il-post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu. Dawn il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, imħażen ħielsa u mħażen doganali.

— Kaxxa bir-referenza I.15: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur); l-informazzjoni għandha tingħata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa bir-referenza I.19: uża l-kodiċi HS approprjat: 05.11.91 jew 05.11.99.

— Kaxxa bir-referenza I.23: fil-każ ta' kontenituri tal-balk, għandu jiġi inkluż in-numru u n-numru tas-siġill (fejn japplika) tal-kontenitur.

— Kaxxa bir-referenza I.26 u I.27: imla skond jekk iċ-ċertifikat huwiex ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Kaxxa bir-referenza I.28: Impjant tal-manifattura: agħti n-numru tal-kontroll veterinarju ta' l-istabbiliment approvat.

▼M9

Parti II:

(*) Għandhom jiġu esklużi demm mhux ipproċessat, ħalib nej, ġlud, nagħal u qrun, lanżit tal-ħnieżer u rix (ara c-ċertifikati speċifiċi rilevanti għall-importazzjoni ta' dawn il-prodotti).

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) L-isem u n-numru tal-kodiċi ISO tal-pajjiż esportatur kif stabbilit:

— fil-parti 1 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE;

— fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/984/KE, u;

— fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/585/KE.

Minbarra dan, il-kodiċi ISO tar-reġjonalizzazzjoni f'dan l-Anness (fejn huwa applikabbli għall-ispeċi suxxettibbli kkonċernati) għandu jiġi inkluż.

(3) Ħassar kif ikun xieraq.

(4) Għal dawk il-pajjiżi biss fejn il-laħam tas-selvaġġina maħsub għall-konsum mill-bniedem ta' l-istess speċi ta' annimali huwa awtorizzat għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea.

(5) Skart tal-kċina jfisser kull ikel skartat, inklużi żjut użati fit-tisjir, li joriġinaw f'ristoranti, faċilitajiet għat-tħejjija ta' l-ikel u kċejjen, inklużi kċejjen ċentrali u kċejjen tad-djar.

(6) Għandhom jingħataw garanziji supplimentari meta l-materjal ta' ruminanti domestiċi jkun joriġina fit-territorju ta' pajjiż ta' l-Amerika ta' Isfel jew ta' l-Afrika ta' Isfel jew xi parti minnu minn fejn għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, għall-konsum mill-bniedem, huwa permess biss il-laħam frisk ta' ruminanti domestiċi mmaturat u dissussat. Fil-każ tal-ġewwieni huwa permess il-ġewwieni ttrimmjat ta' ruminanti domestiċi biss li għandu jkun esklużivament ġewwieni li minnu jkunu tneħħew kompletament l-għadam, il-qarquċa, it-trakea, il-bronki ewlenin, il-glandoli limfatiċi li jkunu mwaħħlin ma' tessut konnettiv, ix-xaħam u l-mukus. Il-muskoli *masseter* sħaħ ta' annimali bovini, maqtugħa skond il-paragrafu 41(a) tal-Kapitolu VIII ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE, huma permessi wkoll.

(7) Għal ċerti pajjiżi ta' l-Amerika ta' Isfel biss.

(8) Għal ċerti pajjiżi ta' l-Amerika ta' Isfel u l-Afrika ta' Isfel biss.

— Il-firma u t-timbru għandu jkollhom kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat iservi għal skopijiet veterinarji biss u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M16

KAPITOLU 4 (A)

Ċertifikat tas-saħħa

Għal importazzjoni ta' demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi, maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha (2)

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-Kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur ☐ Isem Indirizz Tel.		I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza	I.2.a
		I.3. Awtorità ċentrali kompetenti	
		I.4. Awtorità lokali kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.	
I.7. Pajjiż ta' oriġini Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Pajjiż ta' oriġini Isem Numru ta ' approvazzjoni Indirizz		I.12. Post ta' destinazzjoni Maħżen tad-dwana ☐ Isem Numru ta ' approvazzjoni Indirizz Kodiċi Postali	
I.13. Post ta' tgħabija		I.14. Date of departure	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS) **30.02**	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐		I.22. Numru ta' pakketti	
I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur		I.24. Tip ta' ippakkettar	
I.25. Prodotti ċċertifikati Użu tekniku ☐			
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi (isem xjentifiku) Numru ta ' approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura			

▼**M16**

PAJJIŻ **Demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi**

II. Informazzjoni dwar saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002(1), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(c), l-Artikolu 6 u l-Kapitolu V tal-Anness VII għalih, u niċċertifika li d-demm jew il-prodotti tad-demm taż-żwiemel deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsistu minn demm jew prodotti tad-demm taż-żwiemel li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa li jidhru hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklussivament minn demm jew prodotti tad-demm taż-żwiemel mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali;

II.3. jiġu minn pajjiż terz, territorju jew parti minnu elenkati fil-Parti XIII tal-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fejn il-mardiet li ġejjin għandhom bilfors jiġu nnotifikati: marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina, glanders (Burkholderia mallei), l-enċefalomajlite tal-ekwini (kull tip inkluż il-VEE), l-anemija infettiva tal-ekwini, l-istomatite vesikulari, l-idrofobija, l-antraċe;

II.4. oriġinaw minn demm li nġabar taħt is-superviżjoni ta' veterinarju, minn żwiemel, li waqt spezzjoni fiż-żmien tal-ġbir, kienu ħielsa minn sinjali kliniċi ta' mard li jittieħed:

(2) *jew* [f'biċċeriji approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 (3);]

(2) *jew* [f'biċċeriji approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-esportazzjoni;]

(2) *jew* [f'faċilitajiet approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-esportazzjoni bil-għan li jinġabar demm taż-żwiemel għall-produzzjoni ta' prodotti tad-demm għal għanijiet tekniċi;]

II.5. oriġinaw minn demm li nġabar minn żwiemel;

II.5.1. li waqt spezzjoni fid-data tal-ġbir tad-demm ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li bilfors trid tiġi nnotifikata elenkata fl-Anness A għad-Direttiva 90/426/KEE(4), u tal-influwenza ekwina, il-piroplażmożi tal-ekwini, ir-rinopnewmonite tal-ekwini u l-artrite virali tal-ekwini elenkati fil-punt 4 tal-Artikolu 1.2.3. tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), Edizzjoni tal-2009;

II.5.2. li nżammu għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tad-demm u matulu, f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja u li ma kinux soġġetti għal ordni ta' projbizzjoni skont l-Artikolu 4(5) jew għal restrizzjonijiet għall-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 90/426/KEE;

II.5.3. li ma kellhomx kuntatt ma' żwiemel minn azjenda li kienet soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali skont Artikolu 4(5) tad-Direttiva 90/426/KEE;

II.5.4. li nġabar minn żwiemel li għalihom il-perjodu għall-ordni ta' projbizzjoni msemmija fil-punti II.5.2.u II.5.3 kien stabbilit kif ġej:

(2) *jew* [fejn mhux l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-mard u li kienu jinsabu fl-azjenda jkunu nqatlu u l-bini jkun ġie diżinfettat, il-perjodu ta' projbizzjoni jkun:

— ta' sitt xhur fil-każ ta' glanders *(Burkholderia mallei)*, li jibda mid-data li fiha ż-żwiemel infettati bil-marda jinqatlu;

— sitt xhur fil-każ tal-enċefalomajlite tal-ekwini ta' kull tip, inkluża l-enċefalomajlite tal-ekwini tal-Venezwela, li jibdew mid-data li fiha jinqatlu ż-żwiemel infettati bil-marda;

— fil-każ tal-anemija infettiva tal-ekwini, sad-data li fiha nqatlu l-annimali infettati, u l-bqija tal-annimali jkunu wrew reazzjoni negattiva għal żewġ testijiet ta' Coggins magħmulin fi żmien tliet xhur wieħed mill-ieħor;

— matul sitt xhur mid-data tal-aħħar każ reġistrat tal-istomatite vesikulari;

— matul xahar mid-data tal-aħħar każ reġistrat ta' idrofobija;

— matul 15-il jum mid-data tal-aħħar każ reġistrat tal-antraċe.]

(2) *jew* [jekk l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-mard u li jkunu jinsabu fl-azjenda jkunu nqatlu u l-bini jkun ġie diżinfettat, il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 30 jum, li jibda mid-data li fiha l-annimali jkunu nqatlu u l-bini jkun ġie diżinfettat, ħlief fil-każ tal-antraċe, fejn il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 15-il jum]

▼**M16**

PAJJIŻ **Demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi**

II. Informazzjoni dwar saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.6. prodotti tad-demm jiġu minn impjant approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 17 jew 18 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

II.7. prodotti tad-demm ikunu saru minn demm li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmijin fi II.4. u II.5 u

([2]) *jew* [saru minn demm miġbur minn żwiemel li nżammu għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur, jew mit-twelid jekk kellhom inqas minn tliet xhur qabel id-data tal-ġbir f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja fil-pajjiż tal-ġbir, li matul dak il-perjodu u l-perjodu tal-ġbir tad-demm kienu ħielsa minn:

(a) il-marda Afrikana taż-żwiemel għal sentejn

(b) enċefalomajlite tal-ekwini tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-inqas sentejn;

(c) glanders

([2]) *jew* [għal perjodu ta' tliet snin;]

([2]) *jew* [għal perjodu ta' sitt xhur fejn l-annimali jkunu għaddew mill-ispezzjoni post-mortem għall-glanders fil-biċċerija msemmija fil-paragrafu II.4, inkluż eżami bir-reqqa ta' membrani mukużi mit-trakea, il-larinġi, il-kavitajiet nażali u s-sinus u r-ramifikazzjonijiet tagħhom, wara l-qsim tar-ras fil-pjan medjan u l-qtugħ barra tas-septum nażali;]

(d) l-istomatite vesikulari, għal sitt xhur;]

([2]) *jew* [kienu soġġetti għal mill-inqas wieħed minn dawn it-trattamenti, segwiti minn kontroll tal-effikaċja, għall-inattivar ta' patoġeni kawżattivi li seta' kien hemm għall-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomajlite tal-ekwini ta' kull tip, inkluża l-enċefalomajlite tal-ekwini Venezwelana, l-anemija infettiva tal-ekwini, l-istomatite vesikulari u l-glanders (*Burkholderia mallei*):

([2]) *jew* [trattament bis-sħana f'temperatura ta' 65 °C għal mill-inqas tliet sigħat,]

([2]) *jew* [irradjazzjoni b'25 kGy bir-raġġi gamma,]

([2]) *jew* [bidla fil-pH għal pH 5 għal sagħtejn,]

([2]) *jew* [trattament bis-sħana ta' mill-inqas 80°C fis-sustanza kollha tagħhom]

II.8. ikunu ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni tad-demm u tal-prodotti tad-demm ma' aġenti patoġeniċi matul il-produzzjoni, l-immaniġġar u l-ippakkjar;

II.9. ġew ippakkjati u ssiġillati f'reċipjenti impermeabbli u ttikkettjati b'mod ċar "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI" u jkollhom in-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment tal-ġbir;

II.10. inħażnu f'maħżen fil-magħluq.

Noti

Parti I:

— Referenza għall-kaxxa I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu.; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott bażiku impurtat.

— Referenza għall-kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni liberi, f'imħażen liberi u f'imħażen tad-dwana.

— Referenza għall-kaxxa I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners jew trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur); għandha tingħata informazzjoni f'każ ta' ħatt u ta' tagħbija mill-ġdid.

— Referenza għall-kaxxa I.23: għal kontejners li jġorru bil-kwantità, għandu jkun hemm inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

— Referenza għall-kaxxa I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat hux wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Referenza għall-kaxxa I.28: Impjant ta' manifattura: ipprovdi n-numru ta' kontroll veterinarju tal-istabbiliment tal-ġbir reġistrat.

▼**M16**

PAJJIŻ **Demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi**

II. Informazzjoni dwar saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Parti II: (1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. (2) Ħassar kif meħtieġ. (3) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. (4) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42. — Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar. — Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera.		
Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu: Data: Firma: Timbru:		

▼M9

KAPITOLU 4(B)

Ċertifikat tas-saħħa

Għal prodotti tad-demm mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jistgħu jintużaw bħala materjal għall-għalf, maħsuba biex jintbagħtu lejn il-Komunità Ewropea jew għat-tranżitu minnha (2)

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel. Nru	I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza — I.2.a. I.3. Awtorita Centrali kompetenti I.4. Awtorita lokali kompetenti
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru	I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru
I.7. Pajjiz ta' origini — Kodici ISO — I.8. Reġjun ta' origini — Kodici	I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni — Kodici ISO — I.10.
I.11. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' ħsad Isem — Numru approvat Indirizz	I.12. Post ta' destinazzjoni Customs warehouse ☐ Isem — Numru approvat Indirizz Kodici Postali
I.13. Post ta' tgħabija	I. 14. Data ta' tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:	I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott	I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN) I.20. Numru/Kwantita
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Mkessaħ ☐ Frizat ☐	I.22. Numru ta' pakketti
1.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill	I.24. Tip ta' ippakkettar
I.25. Prodotti ċċertifikati Ikel ta' l-annimali ☐	
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ Pajjiz terz — Kodici ISO	I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura ta' l-oġġetti	Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti impjant tal-manifattura	Numru tal-baċċ

▼M9

PAJJIŻ **Prodotti tad-demm li jistgħu jintużaw bħala materjal għall-għalf**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b.

II. **Ċertifikat tas-saħħa**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]) u niċċertifika li l-prodotti tad-demm deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsistu fi prodotti tad-demm li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklużivament fi prodotti tad-demm mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

II.3. tħejjew u nħażnu f'impjant approvat, ivvalidat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 17 u fejn hu xieraq l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

II.4. tħejjew (ġew derivati) esklużivament mill-prodotti sekondarji ta' l-annimali kif ġej:

([2]) *jew* [demm ta' annimali maqtula, li kien tajjeb għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, imma mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

([2]) *u/jew* [demm ta' annimali maqtula, li ġie skartat bħala mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem iżda li ma kienx affettwat b'sinjali ta' mard trażmissibbli għall-bniedem jew l-annimali, u li ġej minn karkassi li kienu tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;]

II.5. ġew sottomessi

([2]) *jew* [għall-ipproċessar skond il-metodu ta' pproċessar ……. ([3]) kif stipulat fl-Anness V, Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002,]

([2]) *jew* [għall-metodu u l-parametri li jiżguraw li l-prodott jikkonforma ma' standards mikrobijoloġiċi stabbiliti fil-Kapitolu I, paragrafu 10 ta' l-AnnessVII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002,]

sabiex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;

II.6. kienu eżaminati mill-awtorità kompetenti b'kampjun każwali immedjatament qabel il-bgħit u sabitu konformi ma' l-istandards li ġejjin ([4]):

Salmonella: assenti f'25 g: n = 5, c = 0, m = 0, M = 0,

Enterobacteriaceae: n = 5, c = 2, m = 10, M = 300 fi 1 gram;

II.7. kienu ta' prodott aħħari:

([2]) *jew* [ippakkjat f'boroż ġodda jew sterilizzati,]

([2]) *or* [ittrasportat bil-balk f'kontejners jew mezzi oħra ta' trasport li tnaddfu u kienu ddiżinfettati sew b'diżinfettant approvat mill-awtorità kompetenti qabel l-użu,]

u li kellhom tikketti li jindikaw 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM';

II.8. il-prodott aħħari kien maħżun f'post magħluq;

II.9. il-prodott għadda mill-prekawzjonijiet kollha biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi wara t-trattament.

Noti

Parti I:

— Kaxxa bir-referenza I.6: Il-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett importat.

— Kaxxa bir-referenza I.12: Il-post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu. Dawn il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, imħażen ħielsa u mħażen doganali.

— Kaxxa bir-referenza I.15: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur); l-informazzjoni għandha tingħata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa bir-referenza I.19: uża l-kodiċi HS approprjat: 05.11.91 jew 05.11.99.

— Kaxxa bir-referenza I.23: fil-każ ta' kontenituri tal-balk, għandu jiġi inkluż in-numru u n-numru tas-siġill (fejn japplika) tal-kontenitur.

— Kaxxa bir-referenza I.26 u I.27: imla skond jekk iċ-ċertifikat huwiex ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

▼M9

Parti II:

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif ikun xieraq.

(3) Daħħal il-metodu 1 sa 5 jew 7 kif applikabbli.

(4) Fejn:

n = in-numru ta' kampjuni għall-ittestjar,

m = il-valur threshold tan-numru ta' batterji; ir-riżultat jitqies sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jeċċedix m,

M = il-valur massimu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat jitqies mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew aktar ikun M jew iżjed; u

c = in-numru ta' kampjuni li n-numru ta' batterji fihom jista' jkun bejn m u M, il-kampjun jibqa' jitqies aċċettabbli jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni l-oħra jkun m jew anqas.

— Il-firma u t-timbru għandu jkollhom kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat iservi għal skopijiet veterinarji biss u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼**M13**

KAPITOLU 4(Ċ)

Ċertifikat sanitarju

Għal prodotti ta' demm mhux trattat, minbarra l-equidae, għall-manifattura ta' prodotti tekniċi, intenzjonati li jintbagħtu jew li jingarru [2] fil-Komunità Ewropea

PAJJIŻ — Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.Nru

I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza — I.2.a

I.3. Awtorita Centrali kompetenti

I.4. Awtorita lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodici Postali
Tel.Nru

I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE
Isem
Indirizz
Kodici Postali
Tel.Nru

I.7. Pajjiz ta' origini — Kodici ISO

I.8. Regjun ta' origini — Kodici

I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni — Kodici ISO

I.10.

I.11. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad
Isem — Numru approvat
Indirizz

I.12. Post ta' destinazzjoni
Customs warehouse ☐
Isem — Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali

I.13. Post ta' tgħabija

I.14. Data ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐
Identifikazzjoni
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)
30.02

I.20. Numru/Kwantita

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Mkessah ☐ Frizat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati
Uzu tekniku ☐

I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐
Pajjiz terz — Kodici ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28.Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura ta' l-oġġetti	Numru ta ' l-approvazzjoni ta ' l-istabbilimenti impjant tal-manifattura	Numru tal-baċċ

▼**M13**

PAJJIŻ

Prodotti ta' demm mhux trattat, minbarra l- *equidae*, għal prodotti tekniċi

Part II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is- saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.	Attestazzjoni dwar is-saħħa
	IJien, hawn taħt iffirmat bħala veterinarju uffiċjali, niddikjara li qrajt u fhimt ir- Regolament (KE) Nru 1774/2002 [1] u b'mod partikulari l-Artikolu 4(1)(ċ), l-Artikolu 6 u l-Kapitolu IV ta' l-Anness VIII tiegħu u niċċertifika li:
II.1.	il-prodotti ta' demm deskritti hawn fuq jikkonsistu minn prodotti ta' demm li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-saħħa ta' hawn taħt;
II.2.	dawn jikkonsistu esklussivament minn prodotti ta' demm mhux intenzjonat għal konsum mill-bniedem jew annimali;
II.3.	huma ġew preparati u nħażnu f'impjant approvat, validitat u sorveljat mill-awtorità kompetenti skond l- Artikolu 18 jew fl-istabbiliment ta' ġbir u fejn xieraq skond l-Artikolu 11 tar- Regolament (KE) Nru 1774/2002, esklussivament flimkien mas-segwenti prodotti sekondarji ta' annimali:
[2] *jew*	[— demm ta' annimali maqtula, li hu tajjeb għal konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, iżda mhux intenzjonat għal konsum mill-bniedem raġunijiet kummerċjali;]
[2] *u/jew*	[— demm ta' annimali, li jitqies li mhux tajjeb għal konsum mill-bniedem iżda li mhux affettwat b'xi sinjali ta' mard li jittieħed mill-bniedem jew annimali, meħud minn karkassi tajbin għal konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;]
[2] *u/jew*	[— demm akkwistat minn annimali għajr dawk li jixtarru maqtulin f'biċċerija, wara li saretilhom spezzjoni qabel ma nqattlu, u nstabu tajbin, bħala riżultat ta' din l-ispezzjoni, għal qatla għal konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;]
[2] *u/jew*	[— demm u prodotti ta' demm li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi mard li jittieħed permezz ta' dawn il-prodotti mill-bniedem jew l-annimali;]
II.4.	demm li minnu prodotti ta' din ix-xorta huma manifatturati miġbur:
[2] *jew*	f'biċċeriji approvati skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja,]
[2] *jew*	[f'biċċeriji approvati u sorveljati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz,]
[2] *jew*	[minn annimali ħajjin ġo faċilitajiet approvati u sorveljati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz.]
[2] [II.5.	f'każijiet ta' prodotti ta' demm meħudin minn annimali li jagħmlu parti mit-tassonomija *Artiodactyla, Perisodactyla* u *Proboscidea*, inklużi l-bgħula tagħhom, il-prodotti joriġinaw:
II.5.1.	minn pajjiż fejn ebda każ ta' pesta bovina, pesta ta' l-annimali żgħar li jixtarru u deni *Rift Valley* ma ġew rapportati għal 12-il xahar u li ma ngħatalhomx tilqim kontra dan il-mard għal ta' l-anqas 12-il xahar.
[2] [II.5.2. *jew*	[minn territorju ta' pajjiż jew reġjun bil-kodiċi … [3] fejn ebda każ tal-marda ta' l-ilsien u d- dwiefer ma ġie rapportat għal 12-il xahar u li ma ngħatalhomx tilqim kontra din il-marda għal ta' l- anqas 12-il xahar]
[2] [II.5.2. *jew*	[minn territorju ta' pajjiż jew reġjun bil-kodiċi … [3] wfejn ebda każ ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ġie rapportat għal 12-il xahar u li fihom programmi ta' tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer qed jiġu mwettqa b'mod uffiċjali u kontrollati f'annimali domestiċi li jixtarru għal ta' l-anqas 12-il xahar [4]]
[2] [II.5.3.	IBarra minn hekk, fil-każ ta' annimali li mhumiex *Suidae* jew *Tayassuidae* :
[2] *jew*	[fil-pajjiż jew reġjun ta' oriġini ma jridx ikun ġie rapportat għal 12-il xahar ebda każ ta' infjammazzjoni b'infafet u ta' bluetongue [2] (inkluża l-preżenza ta' annimali seropożittivi) u li fihom ma jridx ikun sar tilqim kontra dan il-mard għal ta' l-anqas 12-il xahar,]
[2] jew	[annimali seropożittivi għal infjammazzjoni b'infafet u għal bluetongue jew reġjun ta' oriġini] [2] li huma preżenti present [4] f'pajjiż jew reġjun ta' oriġini]
[2] [II.5.4.	Barra minn hekk, fil-każ ta' *Suidae* jew *Tayassuidae* :
[II.5.4.1.	[fil-pajjiż jew reġjun ta' oriġini ma jridx ikun ġie rapportat għal 12-il xahar ebda mard ta' l-infafet tal- ħnieżer, deni klassiku tal-ħnieżer u deni Afrikan tal-ħnieżer u ma jridx ikun sar tilqim kontra dan il- mard fl-ispeċi suxxettibbli għal ta' l-anqas 12-il xahar]
[2] [II.5.4.1. *jew*	[fil-pajjiż jew reġjun ta' oriġini ma jridx ikun ġie rapportat għal 12-il xahar ebda każ ta' infjammazzjoni b'infafet u (inkluża l-preżenza ta' annimali seropożittivi) u li fihom ma jridx ikun sar kontra dan il-mard għal ta' l-anqas 12-il xahar,]

▼M13

PAJJIŻ — Prodotti ta' demm mhux trattat, minbarra l- *equidae*, għal prodotti tekniċi

II. Informazzjoni dwar is- saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(2) [II.5.4.2. *o* [annimali seropożittivi għal infjammazzjoni b'infafet li huma preżenti (4) f'pajjiż jew reġjun ta' oriġini]

(2) [II.6. f'każ ta' prodotti ta' demm meħudin minn tjur ta' l-irziezet jew speċijiet ta' għasafar oħra fejn l-annimali u l-prodotti joriġinaw minn territorju ta' pajjiż jew reġjun bil-kodiċi… (5)]

li kienu ħielsa mill-marda Newcastle u mill-influwenza patoġenetika li tinfirex malajr kif definita mill- Kodiċi Sanitarja għall-Annimali Terrestri ta' l-OIE

li ta' l-inqas 12-il xahar ma ngħatawx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur

fejn annimali li minnhom il-prodotti jittieħdu ma tlaqqmux kontra l-marda Newcastle b'vaċċini preparati minn tip inizjali tal-marda Newcastle li juri patoġeneċità ogħla mit-tipi lentoġeniċi tal-virus.]

II.7. il-prodotti kienu:

(2) *jew* [ippakkjati fi fliexken jew boroż ġodda jew sterilizzati,]

(2) *jew* [trasportati fi kwantità jew mezzi oħra ta' trasport li tnaddfu bl-akbar reqqa u li qabel ma ntużaw ġew diżinfettati b'diżinfettant approvat mill-awtorità kompetenti,]

l-ippakkjar ta' barra jew il-kontejners ikollhom tikketti bil-kliem "MHUX GĦAL KONSUM MILL- BNIEDEM JEW L-ANNIMALI",

II.8. il-prodotti nżammu f'maggazzinaġġ magħluq;

II.9. il-prodotti għaddew mill-prekawzjonijiet kollha biex jevitaw kontaminazzjoni minn aġenti patoġeniċi matul it-trasport.

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.6: Persuna responsabbli mill-kunsinna fil-Komunità Ewropea: din il-kaxxa trid biss tintela jekk hi tkun ċertifikat għal merkanzija trasportata, hi tista' timtela jekk iċ-ċertifikat hu għal merkanzija impurtata.

— Kaxxa ta' referenza I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa trid biss timtela jekk hi tkun ċertifikat għal merkanzija trasportata. Il-prodotti trasportati jista' jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen ta' dwana.

— Kaxxa ta' referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment); għandha tingħata informazzjoni f'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa ta' referenza I.23: għal kontejners kbar, għandhom jiġu inklużi n-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk dan japplika).

— Kaxxa ta' referenza I.26 u I.27: imla skond jekk hu ċertifikat ta' ġarr jew ta' importazzjoni.

Part II:

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif meħtieġ.

(3) Kodiċi tat-territorju billi din tidher fil-Part 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KEE.

(4) F'dan il-każ wara l-verifika mal-fruntiera prevista fid-Direttiva 97/78/KE, u skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva, il-prodotti għandhom jiġi trasportati direttament għall-impjant tekniku tad-destinazzjoni.

(5) Kodiċi tat-territorju billi din tidher fil-Part 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 2006/696/KE.

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu b'kulur differenti minn dak tal-kliem stampat.

— Nota għall-persuna responsabbli mill-kunsinna fil-Komunità Ewropea: dan iċ-ċertifikat hu għal finijiet veterinarji biss u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm din tilħaq il-post ta' l-ispezzjoni mal- fruntiera.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:'

▼M16

KAPITOLU 4 (D)

Ċertifikat tas-saħħa

Għal prodotti ta' demm ittrattat, esklużi dawk taż-żwiemel, għall-manifattura ta' prodotti tekniċi, maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha ([2])

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-Kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
☐ Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza | I.2.a

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.7. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO

I.8. Reġjun ta' oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Pajjiż ta' oriġini
Isem | Numru ta ' approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post ta' destinazzjoni
Maħżen tad-dwana ☐
Isem | Numru ta ' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' tgħabija

I.14. Data ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)
30.02

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identification of container/Seal number

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati
Użu tekniku ☐

I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti
Speċi (isem xjentifiku) | Natura tal-oġġetti | Numru ta ' approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura | Numru tal-baċċ

▼**M16**

PAJJIŻ **Prodotti ta' demm ittrattat, eskluż dawk taż-żwiemel, għal prodotti tekniċi**

II. Informazzjoni dwar saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(c), l-Artikolu 6 u l-Kapitolu IV tal-Anness VIII għalih u niċċertifika li:

II.1. il-prodotti tad-demm deskritti hawn fuq jikkonsistu minn prodotti tad-demm li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklussivament minn prodotti tad-demm mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali;

II.3. tħejjew u nħażnu f'impjant approvat, validat u taħt superviżjoni tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 18 jew fl-istabbiliment tal-ġbir u, fejn xieraq, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002(2), esklussivament bil-prodotti sekondarji li ġejjin tal-annimali:

([2]) *jew* [— demm tal-annimali maqtulin, li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li mhuwiex maħsub għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

([2]) *u/jew* [— demm tal-annimali maqtulin, li jkun rifjutat bħala mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem iżda li ma jkunx affettwat minn sinjali ta' mard li jittieħed mill-bniedem u mill-annimali, li oriġina minn karkassi li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

([2]) *u/jew* [— demm miksub minn annimali, barra minn annimali li jixtarru, li jkunu nqatlu f'biċċerija, wara li jgħaddu minn spezzjoni ante-mortem, u jinstabu, b'riżultat ta' din l-ispezzjoni, bħala tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

([2]) *u/jew* [— demm u prodotti tad-demm li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li tittieħed minn dawn il-prodotti mill-bniedem jew mill-annimali;]

II.4. id-demm li minnu jkunu nħadmu prodotti bħal dawn, inġabar:

([2]) *jew* [in [f'biċċeriji approvati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,]

([2]) *jew* [f'biċċeriji approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz,]

([2]) *jew* [minn annimali ħajjin f'faċilitajiet approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz;]

([2]) [II.5. Fil-każ ta' prodotti tad-demm li joriġinaw minn *taxa Artiodactyla, Perissodactyla* u *Proboscidea*, inklużi dawk tar-razez imħalltin tagħhom, barra minn *Suidae* u *Tayassuidae*, il-prodotti jkunu għaddew minn wieħed minn dawn it-trattamenti, li jiggarantixxu li ma jkunx hemm patoġeni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD), l-istomatite vesikulari, il-pesta tal-ifrat, il-pesta ta' annimali żgħar li jixtarru, id-deni ta' Rift Valley u d-deni gastriku tan-nagħaġ:

([2]) *jew* [trattament bis-sħana f'temperatura ta' 65 °C għal mill-inqas tliet sigħat, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

([2]) *jew* [irradjazzjoni b'25 kGy bir-raġġi gamma, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

([2]) *jew* [bidla fil-pH għal pH 5 għal sagħtejn, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

([2]) *jew* [trattament bis-sħana ta' mill-inqas 80 °C fis-sustanza kollha tagħhom, segwit b'kontroll tal-effikaċja]]

([2]) [II.6. Fil-każ ta' prodotti tad-demm li joriġinaw minn *Suidae, Tayassuidae*, tjur u speċi oħrajn ta' għasafar, il-prodotti għaddew minn wieħed mit-trattamenti li ġejjin li jiggarantixxu li ma hemmx patoġeni tal-mardiet li ġejjin: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD), l-istomatite vesikulari, il-marda tal-ħnieżer vesikulari, id-deni klassiku tal-ħnieżer, id-deni Afrikan tal-ħnieżer, il-marda ta' Newcastle u l-influwenza tal-għasafar li hija patoġenika ħafna hekk kif applikabbli għall-ispeċi;

([2]) *jew* [trattament bis-sħana f'temperatura ta' 65 °C għal mill-inqas tliet sigħat, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

([2]) *jew* [irradjazzjoni b'25 kGy bir-raġġi gamma, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

([2]) *jew* [trattament bis-sħana ta' mill-inqas 80°C għal Suidae/Tayassuidae ([2]) u ta' mill-inqas 70 °C għal tjur u speċi oħrajn ta' għasafar ([2]) fis-sustanza kollha tagħhom, segwit b'kontroll tal-effikaċja]]

([2]) [II.7. Fil-każ ta' prodotti tad-demm li joriġinaw minn speċi barra minn dawk elenkati f'II.5. jew II.6., il-prodotti għaddew mit-trattament li ġej (jekk jogħġbok agħti dettalji: ..... ;]

II.8. il-prodotti ġew:

([2]) *jew* [ippakkjati f'boroż jew fi fliexken ġodda sterilizzati,]

▼**M16**

PAJJIŻ **Prodotti ta' demm ittrattat, eskluż dawk taż-żwiemel, għal prodotti tekniċi**

II. Informazzjoni dwar saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(2) *jew* [inġarru fi kwantità f'kontejners jew b'mezzi oħra ta' trasport li tnaddfu sewwa ħafna u li ġew diżinfettati b'diżinfettant approvat mill-awtorità kompetenti qabel l-użu,]

il-pakketti jew ir-reċipjenti għandhom tikketti fuq barra li jindikaw 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI';

II.9. il-prodotti nħażnu f'imħażen fil-magħluq;

II.10. il-prodotti għaddew mill-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni ma' aġenti patoġeniċi wara t-trattament.

Noti

Parti I:

— Referenza għall-kaxxa I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott bażiku impurtat.

— Referenza għall-kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen tad-dwana approvati għal dak l-iskop.

— Referenza għall-kaxxa I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners jew trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur); għandha tingħata informazzjoni f'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Referenza għall-kaxxa I.23: għal kontejners li jġorru bil-kwantità, għandu jkun hemm inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

— Referenza għall-kaxxa I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Parti II:

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif meħtieġ.

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M9

KAPITOLU 5(A)

Ċertifikat tas-saħħa

Għal ġlud ta' ungulati, friski jew imkessħa, maħsuba biex jintbagħtu lejn il-Komunità Ewropea jew għat-tranżitu minnha (2)

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel. Nru		I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza	I.2.a.
		I.3. Awtorita Centrali kompetenti	
		I.4. Awtorita lokali kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru	
I.7. Pajjiz ta' origini / Kodici ISO	I.8. Regjun ta' origini / Kodici	I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni / Kodici ISO	I.10. Regjun ta' destinazzjoni / Kodici
I.11. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad Isem / Numru approvat Indirizz		I.12. Post ta' destinazzjoni Customs warehouse ☐ Isem / Numru approvat Indirizz Kodici Postali	
I.13. Post ta' tghabija		I. 14. Data ta' tluq	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17. Nru. (Nri) tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)	I.20. Numru/Kwantita
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Mkessah ☐ Frizat ☐			I.22. Numru ta' pakketti
1.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill			I.24. Tip ta' ippakkettar
I.25. Prodotti ċċertifikati Ikel ta' l-annimali ☐ Uzu tekniku ☐ Ohrajn ☐			
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ Pajjiz terz / Kodici ISO		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti impjant tal-manifattura	Piż nett

▼M9

PAJJIŻ **Ġlud ta' ungulati, friski jew imkessħa**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b.

II. **Ċertifikat tas-saħħa**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Anness VIII Kapitolu VI tiegħu u niċċertifika li l-ġlud deskritti hawn fuq:

II.1. inkisbu minn annimali li [2]:

(a) inqatlu u li l-karkassi tagħhom huma tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja jew

(b) inqatlu f'biċċerija, wara li għaddew minn spezzjoni qabel il-qatla, u nstabu tajbin, bħala riżultat ta' spezzjoni bħal din, għall-qatla għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;

II.2. joriġinaw minn pajjiż jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, minn parti ta' pajjiż li minnha huma awtorizzati importazzjonijiet tal-kategoriji kollha ta' laħam frisk ta' l-ispeċi korrispondenti u li:

(a) għal mill-anqas 12-il xahar qabel ma jintbagħtu, kienu ħielsa mill-mard [3] li ġej:

[— id-deni klassiku tal-ħnieżer, u d-deni tal-ħnieżer Afrikan,]

[— ir-*rinderpest*,]

u

